**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 21.3.10: IL-ĦAMES ĦADD TAR-RANDAN.**
Illum Mons Isqof Mario Grech se jmexxi VIA SAGRA DJOĊESANA fuq il-Għolja ta' Għammar. Il-Via Sagra tibda quddiem is-Santwarju Ta' Pinu u tkun fis-6.30p.m. Din se tkun imxandra dirett fuq ir-Radju RTK.
Kulħadd huwa mitlub li juża t-transport pubbliku billi bħalissa t-triq prinċipali hija magħluqa

**IL-ĦAMIS, 25.3.10: SOLENNITA' TAT-TĦABBIRA TAL-MULEJ. (IL-LUNZJATA)**



Xieraq li llum nieħdu sehem fil-quddiesa u nitqarbnu biex nagħtu qima lil dan il-Misteru kbir meta Ġesu ġie jgħammar fostna fil-ġuf ta' Marija .
Marbuta ma' din l-okkażjoni, nhar il - Ħadd 21 ta' Marzu Dr. Margaret Spiteri se titkellem dwar in-"Napro Technology" fis-Sala tad-daħla tal-Wied tal-Lunzjata, Kerċem fil-10.00a.m.
Wara jkun hemm is-Supplika fil-Kappella tal-Lunzjata mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech.

## INSIEME SUL CALVARIO

**Fis-6.45p.m.** s-Soċjeta Mużikali Santa Margerita flimkien mal-Parroċċa u l-Kunsill Lokali se ttella' serata ta' daqq, kant, u riflessjonijiet fuq id-Duluri ta' Marija bis-sehem tas-sopran Georgina Gauci.

Din is-serata tkun fil-knisja.
Nistiednu lil Kulħadd biex jieħu sehem

**IL-ĠIMGĦA, 26.3.10: TIFKIRA TAD-DULURI TAL-IMQADDSA VERĠNI MARIJA**
**Fis-6.00p.m.** quddiesa bl-omelija u dritt wara jibda l-Korteo bl-Istatwa tad-Duluri li jgħaddi mit-toroq : Dun Xand, Saguna Bebunaq, Tilliera, Tin u Main.
Matul it-triq isiru riflessjonijiet fuq l d-duluri ta' Marija. Inħeġġu lil kulħadd biex jieħu sehem u anke biex minn fejn se jgħaddi l-korteo jixgħelu dawl jew xema'

**IL-ĦADD, 28.3.10: ĦADD IL-PALM U L-PASSJONI TAL-MULEJ.**

**JUM MONDJALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

Il-Ġabra li ssir llum fil-knisja tkun għas-**SEPULKRU**
Ilum jibda l**-Ħin tas-Sajf.** Il-ħin tal-quddies jibqa' kollu l-istess. Tinbidel biss ta' nhar ta' xogħol fil-għaxija li minflok fis-6.00p.m. tkun fis-7.00p.m.

**BILEJTTI GĦALL-QUDDIESA TAL-PAPA.**

Dawk li jixtiequ jieħdu sehem fil-quddiesa tal-Papa fuq il-Fosos tal-Furjana nhar il-Ħadd, 18 ta' April, huma mitluba jaklkwista biljett tal-vapur mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**ĠBIR GĦAS-SEMINARJU**

Il-Ġbir li sar sa issa għas-seminarju waqt l-eżerċizzi kien hekk: Mill-Eżerċizzi tan-Nisa : € 217.71c; u mill-Eżerċizzi ta' l-Irġiel : €166.74c Grazzi.

**Diskors tal-Papa għar-Randan**

"F'dan il-perijodu tar-Randan, nistieden lil kulħadd biex jimmedita b'mod assidwu il-Vanġelu. Ġesu' huwa l-unkiu vuċi ta' min jisma' u l-unika li wieħed isegwi. Il-kelma tiegħu għandha tmexxi l-ħajja tagħna. Il-bniedem mhux perfett u għandu bżonn jisma lil Alla biex jurih it-triq."